Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2025/0550(COD)

29.6.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818
(COM(2025)0550 – C10-0173/2025 – 2025/0550(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Mélissa Camara

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Programm AgoraEU se jkun wieħed mill-istrumenti finanzjarji ewlenin tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2028-2034 fl-oqsma tad-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza. Dan wasal fi żmien ikkaratterizzat minn rigress inkwetanti fl-istat tad-dritt u sfidi dejjem akbar għad-drittijiet tan-nisa, tal-persuni LGBTIQ u tal-minoranzi f'diversi Stati Membri.

Il-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri d-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, mhumiex biss prinċipji dikjaratorji. Dawn jimponu obbligi konkreti fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri. L-attakki ripetuti fuq id-drittijiet sesswali u riproduttivi, l-istigmatizzazzjoni tal-persuni LGBTIQ, l-iżmuntar tal-politiki tal-ugwaljanza u t-tiċkin tal-ispazju ċiviku jirriflettu rigressjoni demokratika usa' li ddgħajjef il-proġett Ewropew kollu kemm hu.

F'dan il-kuntest, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol essenzjali ta' kontrobilanċ. Huma jappoġġaw lill-vittmi tad-diskriminazzjoni u l-vjolenza, jiżguraw l-aċċess għad-drittijiet, jinvolvu ruħhom f'litigazzjoni strateġika, jikkontribwixxu għad-dibattitu pubbliku u jimmonitorjaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni. L-organizzazzjonijiet femministi, antirazzisti u LGBTIQ sikwit ikunu fuq quddiem nett. Kulma jmur qed ikun dejjem aktar fil-mira ta' pressjoni politika, kampanji ta' deleġittimizzazzjoni, restrizzjonijiet legali u tnaqqis fil-finanzjament.

L-opinjoni tenfasizza wkoll l-importanza li jiġi ppreservat u msaħħaħ il-legat tal-programmi eżistenti, b'mod partikolari l-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) u l-fergħa Daphne tiegħu ddedikata għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet. Dawn l-istrumenti kellhom rwol kruċjali fl-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fit-titjib tal-appoġġ għall-vittmi u fl-avvanz tal-isforzi tal-Unjoni għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Għaldaqstant, l-integrazzjoni ta' dawn l-istrumenti f'AgoraEU trid tiżgura l-kontinwità, riżorsi adegwati u impenn politiku ċar għas-sostenn u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru madwar l-Unjoni.

Il-finanzjament tal-UE jikkostitwixxi lieva deċiżiva biex jiġi ppreservat l-ispazju ċiviku u tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali. Il-konsolidazzjoni tal-istrumenti eżistenti taħt l-AgoraEU m'għandha taħt l-ebda ċirkostanza twassal għal dilwizzjoni tal-prijoritajiet relatati mal-ugwaljanza u d-drittijiet fundamentali. Tali dilwizzjoni, *de facto*, tammonta għall-approvazzjoni tal-erożjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

Programm koerenti u kredibbli għandu għaldaqstant:

- jirrikonoxxi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri b'mod espliċitu, inkluż it-twettiq sħiħ tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, bħala objettiv ta' strutturar;

- jiggarantixxi għotjiet operattivi prevedibbli u pluriennali biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

- jiżgura aċċessibbiltà effettiva tal-finanzjament għall-atturi fil-livell lokali, b'mod partikolari f'ambjenti fejn l-ispazju ċiviku huwa ristrett;

- jintegra approċċ intersezzjonali biex jiġu indirizzati forom ta' diskriminazzjoni multipli u li jikkoinċidu.

Il-kredibbiltà tal-Unjoni Ewropea fix-xena internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem tiddependi fuq il-kapaċità tagħha li tiddefendi dawk l-istess drittijiet fi ħdan il-fruntieri tagħha. Ma tistax tippromwovi l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt esternament filwaqt li ddgħajjef l-istrumenti li jissalvagwardjawhom internament.

AgoraEU għandu għalhekk jitfassal bħala strument ta' konsolidazzjoni demokratika. Fil-kuntest attwali, l-ambigwità ma tipproteġix lill-Unjoni, iżda minflok tesponiha. L-affermazzjoni ċara tad-difiża tal-ugwaljanza u tal-ispazju ċiviku hija imperattiv legali, politiku u demokratiku.

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jippreżenta lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-	(1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") ***u fit-Trattati***. L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-

ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu.

ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 ***tat-TFUE*** jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-kultura u l-midja u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u l-midja taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin.	(2) Il-kultura u l-midja u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva***, ugwali bejn il-ġeneri*** u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u l-midja taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika***, il-valuri soċjetali marbuta mad-drittijiet fundamentali*** u d-dibattitu liberu. ***F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġu żgurati u msaħħa l-preżenza u r-rappreżentanza bbilanċjata tan-nisa u l-irġiel fil-midja u fid-diskors pubbliku, u li jiġu inklużi għalkollox in-nisa u l-bniet, li għadhom jiffaċċjaw ostakli għall-parteċipazzjoni ugwali fil-ħajja demokratika, kulturali u tal-midja.*** Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin***, u biex jinħolqu opportunitajiet biex navvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, in-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet tan-nisa***.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Programm “AgoraEU” (il-“Programm”) se jipprovdi kontribut sinifikanti biex jintlaħqu u jitwettqu dawn l-objettivi, id-drittijiet u l-valuri.	(3) Il-Programm “AgoraEU” (il-“Programm”) se jipprovdi kontribut sinifikanti biex jintlaħqu u jitwettqu dawn l-objettivi, id-drittijiet u l-valuri***, inkluż billi jiġu avvanzati l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa fil-fergħat kollha tal-Programm***.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-Programm jenħtieġ li ***jkun is-suċċessur tal-Programm Ewropa Kreattiva stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew*** u ***tal-Kunsill[3] u tal-Programm CERV dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew*** u ***tal-Kunsill[4]***. Dan jenħtieġ li jissimplifika diversi azzjonijiet tal-finanzjament b’appoġġ għal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, u jiġġieled id-diżinformazzjoni b’appoġġ għall-għoti ta’ informazzjoni dwar materji tal-Unjoni. Il-midja ħielsa u pluralistika u s-soċjetà ċivili huma fost l-għassiesa ewlenin tas-sistemi demokratiċi tal-Unjoni, u dawn jaqdu rwol kruċjali għar-reżiljenza demokratika, u għalhekk ***għandhom*** jiġu appoġġati. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll is-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja, jisfrutta s-setgħa tal-kultura u d-diversità kulturali, isaħħaħ l-ispazju tal-informazzjoni, u jappoġġa l-isforzi tal-Unjoni biex ***isaħħaħ*** soċjetà bbażata fuq id-drittijiet, inklużiva, ugwali u demokratika. Dan ir-Regolament	(4) Il-Programm jenħtieġ li ***jappoġġa wkoll is-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja, jisfrutta s-setgħa tal-kultura*** u ***d-diversità kulturali, isaħħaħ l-ispazju tal-informazzjoni, u jappoġġa l-isforzi tal-Unjoni biex isaħħaħ soċjetà bbażata fuq id-drittijiet, inklużiva, ugwali*** u ***demokratika***. Dan jenħtieġ li jissimplifika diversi azzjonijiet tal-finanzjament b’appoġġ għal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, u jiġġieled id-diżinformazzjoni b’appoġġ għall-għoti ta’ informazzjoni dwar materji tal-Unjoni. Il-midja ħielsa u pluralistika u s-soċjetà ċivili huma fost l-għassiesa ewlenin tas-sistemi demokratiċi tal-Unjoni, u dawn jaqdu rwol kruċjali għar-reżiljenza demokratika, u għalhekk ***jenħtieġ li*** jiġu appoġġati. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll is-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja, jisfrutta s-setgħa tal-kultura u d-diversità kulturali, isaħħaħ l-ispazju tal-informazzjoni, u jappoġġa l-isforzi tal-Unjoni biex ***issaħħaħ*** soċjetà bbażata fuq id-drittijiet, inklużiva, ugwali***, ugwali bejn il-ġeneri u demokratika. Jenħtieġ li jikkontribwixxi***

jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Programm "AgoraEU"[5]. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet kurrenti qed jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni ta' deflatur fiss ta' 2%.

b'mod attiv biex javvanza l-ugwaljanza bejn il-ġeneri inkluż billi jelimina l-istereotipi marbuta mal-ġeneru fil-kontenut kulturali, kreattiv u tal-midja, jippromwovi opportunitajiet indaqs għan-nisa fis-setturi kulturali u kreattivi, narrattivi li jiġġieldu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diżinformazzjoni abbażi tal-ġeneru, kif ukoll jiġġieled il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, online u offline. Il-midja ħielsa u pluralistika u s-soċjetà ċivili huma fost l-għassiesa ewlenin tas-sistemi demokratiċi tal-Unjoni, u dawn jaqdu rwol kruċjali għar-reżiljenza demokratika, u għaldaqstant jenħtieġ li jiġu appoġġati. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u lill-organizzazzjonijiet ta' bażi, minħabba r-rwol ewlieni tagħhom fil-promozzjoni tal-ugwaljanza, fil-protezzjoni tad-drittijiet u fit-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika. Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Programm "AgoraEU"[5]. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet kurrenti qed jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni ta' deflatur fiss ta' 2%.

---

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/818/oj).

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/692/oj).

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/818/oj).

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/692/oj).

[5] Meta rilevanti, l-appoġġ mill-Programm jenħtieġ li jħaffef u jixpruna l-investimenti billi jindirizza l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, u jevita d-duplikazzjoni jew l-esklużjoni, u billi jinċentiva l-finanzjament privat, u għandu jkollu valur miżjud tal-Unjoni.

[5] Meta rilevanti, l-appoġġ mill-Programm jenħtieġ li jħaffef u jixpruna l-investimenti billi jindirizza l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, u jevita d-duplikazzjoni jew l-esklużjoni, u billi jinċentiva l-finanzjament privat, u għandu jkollu valur miżjud tal-Unjoni.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-oqsma ta' politika u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati.	(5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-oqsma ta' politika u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati***, inkluż approċċ li jintegra l-perspettiva tal-ġeneri***.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni.	(6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni. ***Il-finanzjament se jiġi allokat biex jipprovdi allokazzjonijiet finanzjarji prevedibbli u***

	adegwati mmirati lejn oqsma bħall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li huma l-ġebla tax-xewka tas-soċjetajiet demokratiċi. Il-finanzjament se jiġi allokat biex jappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fuq l-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza online. L-implimentazzjoni tal-Programm jenħtieġ li tkun iggwidata wkoll mill-prinċipji tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, filwaqt li jiġi żgurat li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiġi promossa fl-oqsma u fl-azzjonijiet kollha.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, ***u l-ħtieġa*** ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati.	(8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, ***il-ħtieġa*** ta' adattament għat-tibdil fil-klima ***u li jiġu miġġielda l-inugwaljanzi strutturali bejn il-ġeneri***. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ppreservat, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu.	(9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ppreservat, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva ***imsejsa fuq il-valuri fundaturi tal-Unjoni kif imsemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Is-setturi tal-midja tal-Ewropa għandhom pożizzjoni unika fid-demokraziji, u fil-kultura u l-ekonomiji tagħna. Dawn jinkludu fost l-oħrajn ċertu kontenut bħal pereżempju l-films, is-sensiliet, il-videogames, l-aħbarijiet u l-informazzjoni, ir-realtà immersiva u l-multimidja, kif ukoll servizzi bħal pereżempju il-wirjiet teatrali, ix-xandir televiżiv u tar-radju, il-pubblikazzjoni stampata u online, ir-reklamar, il-videos u l-podcasts online. It-trasformazzjoni diġitali, b'mod partikolari ż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, ħaffet il-konverġenza tal-media, biddlet l-imġiba tal-konsumaturi, fixklet il-mudelli tan-negozju u tad-dħul, u anki l-ġestjoni u l-isfruttament tal-proprjetà intellettwali. Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tgħin lill-midja tal-Unjoni tiffjorixxi, trawwem l-innovazzjoni u l-aċċess għall-finanzi, tippromwovi d-dakkir reċiproku bejn is-setturi tal-aħbarijiet, is-setturi awdjoviżivi u setturi oħra tal-midja, u tappoġġa l-	(11) Is-setturi tal-midja tal-Ewropa għandhom pożizzjoni unika fid-demokraziji, u fil-kultura u l-ekonomiji tagħna. Dawn jinkludu fost l-oħrajn ċertu kontenut bħal pereżempju l-films, is-sensiliet, il-videogames, l-aħbarijiet u l-informazzjoni, ir-realtà immersiva u l-multimidja, kif ukoll servizzi bħal pereżempju il-wirjiet teatrali, ix-xandir televiżiv u tar-radju, il-pubblikazzjoni stampata u online, ir-reklamar, il-videos u l-podcasts online. It-trasformazzjoni diġitali, b'mod partikolari ż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, ħaffet il-konverġenza tal-media, biddlet l-imġiba tal-konsumaturi, fixklet il-mudelli tan-negozju u tad-dħul, u anki l-ġestjoni u l-isfruttament tal-proprjetà intellettwali. Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tgħin lill-midja tal-Unjoni tiffjorixxi, trawwem l-innovazzjoni u l-aċċess għall-finanzi, tippromwovi d-dakkir reċiproku bejn is-setturi tal-aħbarijiet, is-setturi awdjoviżivi u setturi oħra tal-midja, u tappoġġa l-

kollaborazzjonijiet bejn tipi differenti ta' entitajiet tal-midja fl-Unjoni.	kollaborazzjonijiet bejn tipi differenti ta' entitajiet tal-midja fl-Unjoni ***filwaqt li tappoġġa l-promozzjoni ta' valuri msejsa fuq l-antidiskriminazzjoni u l-ugwaljanza permezz ta' dawn l-attivitajiet. Dan jista' jinkludi wkoll il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-intraprenditorija tan-nisa, l-aċċess għall-finanzi, in-networks u l-opportunitajiet ta' negozju f'dan is-settur.***

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-kmamar tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti fl-Unjoni qed ikollhom pressjoni akbar, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-pjattaformi online dinjin, it-tibdil fid-drawwiet tal-konsum, u t-tixrid dejjem akbar tad-diżinformazzjoni. Dawn l-isfidi jaffettwaw id-dħul u d-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, jimminaw il-vijabbiltà u l-fiduċja tal-pubbliku fil-kmamar tal-aħbarijiet, u jillimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għal kontenut ġurnalistiku Ewropew varjat u maħluq professjonalment. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa ekosistema tal-informazzjoni vijabbli, indipendenti u diversa, tipproteġi lill-ġurnalisti mhedda, tippromwovi l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, u ssaħħaħ l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni, billi tippromwovi miżuri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni maħsuba kontra d-diżinformazzjoni u tappoġġa l-litteriżmu diġitali u fil-midja, inkluż fost iż-żgħażagħ.	(13) Il-kmamar tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti fl-Unjoni qed ikollhom pressjoni akbar, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-pjattaformi online dinjin, it-tibdil fid-drawwiet tal-konsum, u t-tixrid dejjem akbar tad-diżinformazzjoni. Dawn l-isfidi jaffettwaw id-dħul u d-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, jimminaw il-vijabbiltà u l-fiduċja tal-pubbliku fil-kmamar tal-aħbarijiet, u jillimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għal kontenut ġurnalistiku Ewropew varjat u maħluq professjonalment. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa ekosistema tal-informazzjoni vijabbli, indipendenti u diversa, tipproteġi lill-ġurnalisti mhedda, tippromwovi l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, u ssaħħaħ l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni, billi tippromwovi miżuri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni maħsuba kontra d-diżinformazzjoni***, inkluża d-diżinformazzjoni abbażi tal-ġeneru,*** u tappoġġa l-litteriżmu diġitali u fil-midja, inkluż fost iż-żgħażagħ. ***L-azzjonijiet fis-setturi tal-midja u tal-kultura jenħtieġ li jippromwovu l-opportunitajiet indaqs, id-diversità u r-rappreżentanza bbilanċjata tan-nisa u l-irġiel, inkluż billi jindirizzaw l-istereotipi marbuta mal-ġeneru.***

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jgħinuna nsawru Unjoni aktar demokratika. In-nondiskriminazzjoni hi prinċipju ewlieni tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 19 tat-TFUE u fl-Artikolu 21 tal-Karta. Il-ħidma favur soċjetà ugwali u ħielsa mid-diskriminazzjoni tikkontribwixxi biex jinħataf il-potenzjal tan-nies fid-diversità tagħhom u għat-tkabbir kulturali, ekonomiku u soċjali. Tgħin ukoll biex jingħelbu l-kawżi sottostanti tal-vjolenza kontra l-gruppi vulnerabbli, li min-naħa tagħha hija attakk frontali fuq l-ugwaljanza. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi azzjonijiet li jindirizzaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u intolleranza, jiġifieri d-diskriminazzjoni diretta u indiretta, b'attenzjoni għall-forom speċifiċi ta' diskriminazzjoni strutturali u intersezzjonali, biex jiġu appoġġati l-oqfsa ta' politika rilevanti tal-Unjoni. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' żenofobija u razziżmu, antisemitiżmu u mibegħda kontra l-Musulmani, l-omofobija, il-bifobija, it-transfobija, l-interfobija, l-intolleranza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-identità tal-ġeneru, l-intolleranza lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi inkluż ir-Rom, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenn li ħadet bħala Parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà adottata fit-13 ta' Diċembru 2006[6] biex tippromwovi, tħares u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet	(15) Il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jgħinuna nsawru Unjoni aktar demokratika. In-nondiskriminazzjoni hi prinċipju ewlieni tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 19 tat-TFUE u fl-Artikolu 21 tal-Karta. Il-ħidma favur soċjetà ugwali u ħielsa mid-diskriminazzjoni tikkontribwixxi biex jinħataf il-potenzjal tan-nies fid-diversità tagħhom u għat-tkabbir kulturali, ekonomiku u soċjali. Tgħin ukoll biex jingħelbu l-kawżi sottostanti tal-vjolenza kontra l-gruppi ***f'sitwazzjonijiet*** vulnerabbli, li min-naħa tagħha hija attakk frontali fuq l-ugwaljanza. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi azzjonijiet li jindirizzaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u intolleranza, jiġifieri d-diskriminazzjoni diretta u indiretta, b'attenzjoni għall-forom speċifiċi ta' diskriminazzjoni strutturali u intersezzjonali, biex jiġu appoġġati l-oqfsa ta' politika rilevanti tal-Unjoni. ***Fl-attivitajiet kollha tiegħu,*** il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' żenofobija u razziżmu, antisemitiżmu u mibegħda kontra l-Musulmani, l-omofobija***, il-leżbofobija***, il-bifobija, it-transfobija, l-interfobija, l-intolleranza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-identità tal-ġeneru ***u tal-karatteristiċi tas-sess***, l-intolleranza lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi inkluż ir-Rom, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenn li ħadet bħala Parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà adottata fit-13 ta' Diċembru 2006[6] biex tippromwovi, tħares u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u

fundamentali kollha mill-persuni b'diżabbiltà kollha.

l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni b'diżabbiltà kollha***. Il-Programm jenħtieġ li jiżgura wkoll djalogu strutturat u kontinwu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi dawk li jaħdmu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għad-drittijiet tal-LGBTIQ.***

[6] ĠU L 23, 27.01.2010, p. 35-36

[6] ĠU L 23, 27.01.2010, p. 35-36

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hi dritt fundamentali u objettiv tal-Unjoni u ***l-Programm*** jenħtieġ li ***jappoġġaha***. Minkejja ***ħafna kisbiet***, ***għad fadal bosta sfidi sinifikanti li*** jeħtieġu ***tisħiħ tal-impenn*** tal-Unjoni. Dan jinkludi l-ħidma favur il-ħelsien mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru, l-ogħla standards tas-saħħa, inkluż b'mod partikolari s-saħħa sesswali u riproduttiva, il-paga ugwali u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika, ***il-bilanċ*** bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-kura, impjiegi ugwali, l-opportunitajiet tal-karriera u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, il-parteċipazzjoni politika u r-rappreżentanza ugwali, il-mekkaniżmi istituzzjonali li jikkontribwixxu għad-drittijiet tan-nisa, l-indirizzar attiv tal-istereotipi tal-ġeneru ***u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni intersezzjonali***.	(17) L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hi dritt fundamentali u objettiv ***ewlieni*** tal-Unjoni***. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** u ***tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-attivitajiet kollha tagħha hija għaldaqstant kompitu ewlieni tal-Unjoni u xprun għall-koeżjoni soċjali, u*** jenħtieġ li ***tiġi promossa b'allinjament mal-Artikolu 8 tat-TFUE fil-fergħat kollha tal-Programm***. Minkejja ***l-progress miksub, l-inugwaljanzi strutturali tal-ġeneru persistenti***, ***l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, id-disparitajiet ekonomiċi u r-rigress ikkoordinat kontra d-drittijiet tan-nisa u tal-LGBTIQ*** jeħtieġu ***impenn imsaħħaħ u sostnut fil-livell*** tal-Unjoni. ***Il-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa u d-Dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà ugwali bejn il-ġeneri adottati mill-Kummissjoni fl-2025 jeħtieġu implimentazzjoni konkreta permezz ta' politiki effettivi u appoġġ finanzjarju adegwat.*** Dan jinkludi l-ħidma favur il-ħelsien mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru, ***online u offline, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa,*** l-ogħla standards tas-saħħa, inkluż b'mod partikolari s-saħħa sesswali u riproduttiva ***u d-drittijiet relatati***, ***inkluż l-aċċess għal abort sikur u legali, il-kontraċezzjoni affordabbli u***

	moderna u l-promozzjoni ta' edukazzjoni komprensiva u adatta għall-età dwar is-sessswalità. Jenħtieġ li jiġu appoġġati wkoll il-paga ugwali u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika, ***l-intraprenditorija tan-nisa u l-aċċess għall-finanzi, kif ukoll in-negozji mmexxija min-nisa, u l-promozzjoni tal-bilanċ*** bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-kura, impjiegi ugwali, l-opportunitajiet tal-karriera u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, il-parteċipazzjoni politika u r-rappreżentanza ugwali, il-mekkaniżmi istituzzjonali li jikkontribwixxu għad-drittijiet tan-nisa,***ġġati*** l-indirizzar attiv tal-istereotipi tal-ġeneru.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lin-nisa li jiffaċċjaw diskriminazzjoni intersezzjonali, inklużi n-nisa u l-bniet b'diżabbiltà, in-nisa migranti, in-nisa bi status ta' refuġjati, in-nisa minn sfond razzjali jew etniku divers, in-nisa li jappartjenu għal minoranzi reliġjużi u lingwistiċi, u l-gruppi LGBTIQ+.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza fuq in-nisa, it-tfal, iż-żgħażagħ u gruppi oħra f'riskju bħall-persuni LGBTIQ u ***l-persuni b'diżabbiltà***, jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet fundamentali u qed	(18) Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza fuq in-nisa, it-tfal, iż-żgħażagħ u gruppi oħra f'riskju***,*** bħall-persuni LGBTIQ***, il-persuni b'diżabbiltà,*** u ***dawk li qed iħabbtu wiċċhom ma' forom***

jibqgħu jippersistu mal-Unjoni kollha, fil-kuntesti soċjali u ekonomiċi kollha. Il-vjolenza kontra n-nisa u l-persuni li jappartjenu ***għal gruppi oħra*** f'riskju hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem u attakk frontali fuq l-ugwaljanza. Għalhekk, hu kruċjali għas-soċjetà li nipprevjenu u nindirizzaw din il-vjolenza, għax dan ikun kontribut biex nindirizzaw din id-diskriminazzjoni u l-impatti tal-vjolenza, inkluż fuq is-saħħa. Fl-istess ħin, billi huma marbutin intrinsikament, meta niżguraw soċjetà ħielsa mid-diskriminazzjoni***, inkunu*** qed ngħinu wkoll biex nindirizzaw il-kawżi sottostanti tal-vjolenza kontra l-gruppi vulnerabbli. ***Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jkompli l-isforz dejjiem tal-Unjoni fil-prevenzjoni***, ***ir-rispons*** u ***l-ġlieda kontra l-vjolenza fil-livelli kollha, u fil-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi diretti u indiretti kollha u tas-superstiti tal-vjolenza***, ***filwaqt li jibni fuq il-ħames ġenerazzjonijiet konsekuttivi tal-programm u l-fergħa Daphne***. ***Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-kisba tal-objettivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni*** u ***l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa adottata f'Istanbul nhar il-11*** ta' ***Mejju 2011***, ***l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp*** u ***t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal[10]***, ***li tipproteġi lit-tfal minn kull forma ta' vjolenza***, ***kif ukoll jikkontribwixxi biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenn li ħadet bħala Parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà***, ***li tipproteġi lill-persuni b'diżabbiltà minn kull forma ta' sfruttament, vjolenza*** u ***abbuż***.

intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, jikkostitwixxu ksur serju ***u l-aktar mifrux*** tad-drittijiet fundamentali***,*** u qed jibqgħu jippersistu mal-Unjoni kollha, fil-kuntesti soċjali u ekonomiċi kollha. ***Il-prevenzjoni u l-indirizzar ta' tali vjolenza jirrikjedu appoġġ finanzjarju sostnut, strutturali, fittul u b'riżorsi adegwati għall-organizzazzjonijiet u s-servizzi tad-drittijiet tan-nisa inklużi l-organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-post, bħala rispondenti tal-ewwel linja fl-Istati Membri kollha li għandhom l-għarfien espert speċjalizzat meħtieġ biex jindirizzaw il-kawżi ewlenin u l-manifestazzjonijiet tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru.*** Il-vjolenza kontra n-nisa u l-persuni li jappartjenu ***għall-gruppi kollha*** f'riskju hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem u attakk frontali fuq l-ugwaljanza. Għalhekk, hu kruċjali għas-soċjetà li nipprevjenu u nindirizzaw din il-vjolenza, għax dan ikun kontribut biex nindirizzaw din id-diskriminazzjoni u l-impatti tal-vjolenza, inkluż fuq is-saħħa ***mentali u fiżika***. Fl-istess ħin, billi huma marbutin intrinsikament, meta niżguraw soċjetà ħielsa mid-diskriminazzjoni ***nkunu*** qed ngħinu wkoll biex nindirizzaw il-kawżi sottostanti tal-vjolenza kontra l-gruppi ***f'sitwazzjonijiet*** vulnerabbli. ***Barra minn hekk, in-nisa u l-bniet jesperjenzaw esponiment sproporzjonat għall-vjolenza online abbażi tal-ġeneru, inkluż is-cyberstalking, il-fastidju ċibernetiku, il-kondiviżjoni mhux kunsenswali tal-immaġnijiet, id-deepfakes u l-inċitament għall-mibegħda jew il-bullying ċibernetiku speċjalment għall-bniet żgħar. Dawk ir-riskji jolqtu l-libertà tal-espressjoni, il-parteċipazzjoni politika u s-saħħa mentali tagħhom,*** u ***għaldaqstant huma fokus speċifiku*** ta' ***dan ir-Regolament. Għalhekk***, ***il-Programm jenħtieġ li jkompli*** u ***jsaħħaħ l-isforz dejjiem tal-Unjoni fil-prevenzjoni***, ***ir-rispons u l-ġlieda kontra l-vjolenza fil-livelli kollha***, ***fil-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi diretti u indiretti kollha u tas-***

***superstiti tal-vjolenza**, **filwaqt li jibni fuq il-hames ġenerazzjonijiet konsekuttivi tal-programm** u **l-fergħa Daphne**[9].*

[9] Tliet ġenerazzjonijiet konsekuttivi tal-programm Daphne (ĠU L 34, 9.2.2000, p. 1; ĠU L 143, 30.4.2004, p. 1; ĠU L 173, 3.7.2007, p. 19-26), u r-riżultati tal-fergħat Daphne tal-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62-72) u tal-Programm CERV (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1-20).

[9] Tliet ġenerazzjonijiet konsekuttivi tal-programm Daphne (ĠU L 34, 9.2.2000, p. 1; ĠU L 143, 30.4.2004, p. 1; ĠU L 173, 3.7.2007, p. 19-26), u r-riżultati tal-fergħat Daphne tal-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62-72) u tal-Programm CERV (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1-20).

10 C(2024) 2680 final (ĠU L, 2024/1238, 14.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2024/1238/oj).

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-kisba tal-objettivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa adottata f'Istanbul fil-11 ta' Mejju 2011, b'enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni, inkluż minn forom online ta' vjolenza u mit-theddid diġitali emerġenti, id-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal[1b], li tipproteġi lit-tfal minn kull forma ta' vjolenza, kif ukoll jikkontribwixxi biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenn li ħadet bħala Parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, li tipproteġi lill-persuni b'diżabbiltà, inklużi n-nisa u l-bniet minn kwalunkwe forma ta' sfruttament, vjolenza u abbuż.

1a ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj.

1b C(2024) 2680 final (ĠU L, 2024/1238, 14.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2024/1238/oj).

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18b) Meta jitqies kemm għadu allarmanti l-għadd ta' vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, huwa importanti li dawn l-azzjonijiet kollha jitkomplew b'allokazzjoni baġitarja distinta, protetta u mhux trasferibbli għall-attivitajiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-ambitu tal-fergħa Daphne. Il-programm jenħtieġ li jagħti wkoll attenzjoni partikolari lill-gruppi emarġinati u lin-nisa f'sitwazzjonijiet ta' faqar, esklużjoni soċjali, nuqqas ta' sigurtà ekonomika u dipendenza finanzjarja, peress li jiffaċċjaw riskju akbar ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u aċċess limitat għall-protezzjoni u l-ġustizzja, u jiżgura perspettiva intersezzjonali.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 18c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18c) Fl-implimentazzjoni tal-Programm, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel użu mill-għarfien espert, id-data, l-indikaturi u l-appoġġ metodoloġiku

	żviluppati mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) fl-oqsma tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru. L-użu ta' dawk ir-riżorsi mill-applikanti u l-benefiċjarji jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ sabiex tittejjeb il-komparabbiltà tad-data, jissaħħu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, u jiġu appoġġati politiki bbażati fuq l-evidenza, inkluż fir-rigward ta' forom online ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) F'konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar it-trattament ugwali, l-Istati Membri stabbilew korpi indipendenti biex jippromwovu t-trattament ugwali ("korpi tal-ugwaljanza") li jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u biex tkun żgurata applikazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament ugwali. Barra minn hekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa n-Network Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet) magħmul mill-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/***1499***[11] u fid-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], peress li Equinet hu l-unika entità li tiżgura l-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejn il-korpi tal-ugwaljanza. Din għandha importanza ewlenija għall-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-Unjoni kontra d-diskriminazzjoni fl-Istati Membri.	(19) F'konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar it-trattament ugwali, l-Istati Membri stabbilew korpi indipendenti biex jippromwovu t-trattament ugwali ("korpi tal-ugwaljanza") li jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni ***u fl-avvanz*** tal-ugwaljanza***, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** u biex tkun żgurata applikazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament ugwali. Barra minn hekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa n-Network Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet) magħmul mill-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/***1499*** u fid-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], peress li Equinet hu l-unika entità li tiżgura l-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejn il-korpi tal-ugwaljanza. Din għandha importanza ewlenija għall-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-Unjoni kontra d-diskriminazzjoni***, inkluża l-liġi tal-Unjoni relatata mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u għall-iżgurar li n-nisa jkollhom opportunitajiet indaqs fl-isferi kollha tal-ħajja soċjali, ekonomika u politika, kif ukoll għall-ġlieda u għall-***

prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, fl-Istati Membri.

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fil-qasam tal-impjiegi u x-xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet tas-sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE (ĠU L, 2024/1499, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1499/oj).

[12] Id-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li temenda d-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE (ĠU L, 2024/1500, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1500/oj).

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fil-qasam tal-impjiegi u x-xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet tas-sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE (ĠU L, 2024/1499, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1499/oj).

[12] Id-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li temenda d-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE (ĠU L, 2024/1500, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1500/oj).

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-inkoraġġiment taċ-ċittadini biex jaqdu rwol aktar attiv fid-demokrazija fil-livell tal-Unjoni ser isaħħaħ is-soċjetà ċivili Ewropea u jrawwem l-iżvilupp tal-identità Ewropea. ***Għalhekk***, is-soċjetà ċivili ***jeħtieġ*** li ***tingħata l-appoġġ biex tippromwovi l-valuri komuni tal-Unjoni***, ***tharishom u xxerred għarfien dwarhom***, u	(21) L-inkoraġġiment taċ-ċittadini biex jaqdu rwol aktar attiv fid-demokrazija fil-livell tal-Unjoni ser isaħħaħ is-soċjetà ċivili Ewropea u jrawwem l-iżvilupp tal-identità Ewropea. ***Għaldaqstant***, is-soċjetà ċivili***, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, l-organizzazzjonijiet antirazzisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-***

biex tikkontribwixxi għat-tgawdija effettiva tad-drittijiet skont il-liġi tal-Unjoni. Meta ċ-ċittadini tal-Unjoni jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, dawn ***ikunu qed jikkontribwixxu biex titwettaq id-demokrazija*** rappreżentattiva, prinċipju li fuqu jinbena l-funzjonament tal-Unjoni u li jagħti espressjoni konkreta lill-valur tad-demokrazija minqux fl-Artikolu 2 tat-TUE.

bniedem u l-organizzazzjonijiet li ***jiddefendu d-drittijiet tal-LGBTIQ, b'mod partikolari dawk immexxija min-nisa***, ***jeħtieġ li tiġi appoġġata fil-promozzjoni***, ***fis-salvagwardja*** u ***fis-sensibilizzazzjoni tal-valuri tal-Unjoni, u fil-kontribut*** għat-tgawdija effettiva tad-drittijiet skont il-liġi tal-Unjoni. Meta ċ-ċittadini tal-Unjoni jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, dawn ***jikkontribwixxu permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq, għat-tisħiħ tad-demokrazija*** rappreżentattiva ***fil-prattika***, prinċipju li fuqu jinbena l-funzjonament tal-Unjoni u li jagħti espressjoni konkreta lill-valur tad-demokrazija minqux fl-Artikolu 2 tat-TUE. ***B'mod partikolari, fl-Istati Membri fejn l-ispazju ċiviku qed jiċkien jew fejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet legali, amministrattivi jew finanzjarji, inkluż għall-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, il-Programm jenħtieġ li jagħti prijorità lill-appoġġ immirat lejn is-salvagwardja tal-indipendenza, il-kapaċità operazzjonali u l-protezzjoni tagħhom. Il-programm jenħtieġ li jappoġġa inizjattivi li jippromwovu l-parteċipazzjoni bbilanċjata tan-nisa u l-irġiel fil-ħajja demokratika, fil-midja u fis-soċjetà ċivili, inkluż fi rwoli ta' tmexxija.***

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Biex l-Unjoni titqarreb lejn iċ-ċittadini tagħha u biex titrawwem il-parteċipazzjoni demokratika, hemm bżonn bosta azzjonijiet u sforzi kkoordinati. Iċ-ċittadinanza Ewropea u l-identità Ewropea jenħtieġ li jiġu żviluppati u promossi billi ċ-ċittadini ***jitħeġġu*** jifhmu l-proċess tat-tfassil tal-politika, u billi jiġi promoss l-involviment ċiviku fl-azzjonijiet tal-	(22) Biex l-Unjoni titqarreb lejn iċ-ċittadini tagħha u biex titrawwem il-parteċipazzjoni demokratika, hemm bżonn bosta azzjonijiet u sforzi kkoordinati. Iċ-ċittadinanza Ewropea u l-identità Ewropea jenħtieġ li jiġu żviluppati u promossi billi ***jiġu żgurat li*** ċ-ċittadini jifhmu l-proċess tat-tfassil tal-politika, u billi jiġi promoss l-involviment ċiviku fl-azzjonijiet tal-

Unjoni. L-attivitajiet ta' kommemorazzjoni u r-riflessjoni kritika dwar il-memorja storika tal-Ewropa huma meħtieġa biex iċ-ċittadini jifhmu l-istorja komuni, u biex jinfirxu l-pedamenti għal ġejjieni u valuri komuni. Barra minn hekk, l-appoġġ lill-għaqdiet tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali fl-oqsma koperti mill-Programm se jikkontribwixxi biex jiżdied l-involviment taċ-ċittadini fis-soċjetà u fl-aħħar mill-aħħar biex jinvolvihom attivament fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Fl-istess waqt, l-appoġġ lill-attivitajiet li jippromovu l-fehim reċiproku, id-djalogu interkulturali, id-diversità kulturali u lingwistika, l-inklużjoni soċjali u r-rispett lejn ħaddieħor irawwem sens ta' appartenenza għall-Unjoni u ta' ċittadinanza komuni skont identità Ewropea, abbażi ta' komprensjoni komuni tal-valuri Ewropej komuni tagħna, tal-kultura, tal-istorja u tal-wirt tagħna.	Unjoni. L-attivitajiet ta' kommemorazzjoni u r-riflessjoni kritika dwar il-memorja storika tal-Ewropa***, inkluż il-kontribut tal-organizzazzjonijiet tan-nisa u tal-LGBTIQ għall-iżvilupp tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali,*** huma meħtieġa biex iċ-ċittadini jifhmu l-istorja komuni, u biex jinfirxu l-pedamenti għal ġejjieni u valuri komuni. Barra minn hekk, l-appoġġ lill-għaqdiet tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali fl-oqsma koperti mill-Programm se jikkontribwixxi biex jiżdied l-involviment taċ-ċittadini fis-soċjetà u fl-aħħar mill-aħħar biex jinvolvihom attivament fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Fl-istess waqt, l-appoġġ lill-attivitajiet li jippromovu l-fehim reċiproku, id-djalogu interkulturali, id-diversità kulturali u lingwistika, l-inklużjoni soċjali u r-rispett lejn ħaddieħor irawwem sens ta' appartenenza ***inklużiv*** għall-Unjoni u ta' ċittadinanza komuni skont identità Ewropea, abbażi ta' komprensjoni komuni tal-valuri Ewropej komuni tagħna ***mnaqqxa fl-Artikolu 2 tat-TUE***, tal-kultura, tal-istorja u tal-wirt tagħna.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-għaqdiet tas-soċjetà ċivili, u atturi oħra tal-ispazju ċiviku, bħall-korpi indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi tal-ugwaljanza u l-Istituzzjonijiet tal-Ombudspersons, jaqdu rwol vitali favur l-implimentazzjoni tal-politika, biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nies, l-istituzzjonijiet jinżammu responsabbli, u titwettaq bidla pożittiva. ***Il-Programm*** jenħtieġ li jgħin biex ***ikunu*** żgurati riżorsi ***biżżejjed*** u ambjent ***li jippermettilhom*** joperaw b'mod indipendenti, liberu, sikur u effettiv. Għal dan l-għan, il-finanzjament	(23) L-għaqdiet tas-soċjetà ċivili, u atturi oħra tal-ispazju ċiviku, bħall-korpi indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi tal-ugwaljanza u l-Istituzzjonijiet tal-Ombudspersons, jaqdu rwol vitali favur l-implimentazzjoni tal-politika, ***u r-rispett tad-drittijiet fundamentali,*** biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nies, l-istituzzjonijiet jinżammu responsabbli, u titwettaq bidla pożittiva ***inkluż, fost l-oħrajn, permezz tal-promozzjoni, il-litigazzjoni strateġika, il-kampanji, il-komunikazzjoni u attivitajiet oħra ta' għassiesa***. ***Meta titqies l-***

tal-Unjoni jenħtieġ li jikkomplementa l-isforzi fil-livell nazzjonali billi jappoġġa, jipproteġi, jagħti s-setgħa u jibni l-kapaċità tagħhom, kif enfasizzat fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2018[13], kif ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2023[14] u tas-7 ta' Marzu 2025[15]. Is-soċjetà ċivili għandha rwol importanti wkoll biex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] billi trawwem kultura mingħajr mażżri u ambjent favorevoli għall-informaturi.

importanza li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u li jiġu rikonoxxuti l-isfidi amministrattivi u finanzjarji speċifiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom, b'mod partikolari għal entitajiet iżgħar, jenħtieġ li ***l-Programm*** jgħin biex ***jiġu*** żgurati riżorsi ***suffiċjenti*** u ambjent ***abilitanti għalihom, biex*** joperaw b'mod indipendenti, liberu, sikur u effettiv. ***Jenħtieġ li jippermetti appoġġ rapidu għal inizjattivi lokali innovattivi u l-għoti ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, filwaqt li tinżamm sorveljanza trasparenti, ekwa u parteċipattiva. Sabiex jiġu żgurati l-indipendenza u s-sostenibbiltà tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari dawk attivi fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u tad-drittijiet fundamentali, inklużi dawk li jaħdmu fuq id-drittijiet tan-nisa, il-Programm jenħtieġ li jiżgura appoġġ aċċessibbli u trasparenti billi jipprevedi l-għoti prevedibbli u pluriennali ta' għotjiet operattivi. Il-finanzjament u l-għoti ta' għotjiet jenħtieġ li jiżguraw trasparenza u obbligu ta' rendikont xierqa fl-allokazzjoni u fl-użu tal-finanzjament tal-Unjoni, skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, proporzjonalità, u rispett sħiħ għall-valuri u l-objettivi tal-Programm.*** Għal dan l-għan, il-finanzjament tal-Unjoni jenħtieġ li jikkomplementa l-isforzi fil-livell nazzjonali billi jappoġġa, jipproteġi, jagħti s-setgħa u jibni l-kapaċità tagħhom, kif enfasizzat fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2018[13], kif ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2023[14] u tas-7 ta' Marzu 2025[15]. Is-soċjetà ċivili għandha rwol importanti wkoll biex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] billi trawwem kultura mingħajr mażżri u ambjent favorevoli għall-informaturi***. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll azzjonijiet imfassla biex jipprevjenu u jindirizzaw kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs) peress li dawn sikwit jintużaw ukoll biex***

jintimidaw jew isikktu lid-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u lill-organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u fuq id-drittijiet tan-nisa.

[13] 2018/2619(RSP) (ĠU C 390, 18.11.2019, p. 117-119, https://eur-lex.europa.eu/legal content/MT/TXT/?uri=oj:JOC_2019_390_R_0017)

[14] ST-7388/23, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; Ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE

[15] ST-6878/25, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali

[16] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1937/oj).

[13] 2018/2619(RSP) (ĠU C 390, 18.11.2019, p. 117-119, https://eur-lex.europa.eu/legal content/MT/TXT/?uri=oj:JOC_2019_390_R_0017)

[14] ST-7388/23, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; Ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE

[15] ST-6878/25, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali

[16] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1937/oj).

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) L-importanza li jingħata finanzjament skont il-Programm lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jiġġieldu l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u jippromwovu d-drittijiet tan-nisa, inkluż is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u d-drittijiet tal-persuni

	LGBTIQ, fl-Istati Membri kollha hija enfasizzata u jenħtieġ li tiġi żgurata, inkluż fejn tali organizzazzjonijiet iħabbtu wiċċhom ma' pressjoni politika, restrizzjonijiet legali jew tnaqqis tal-fondi jew attakki. Dawk l-attivitajiet kollha jfittxu li jippromwovu l-valuri ewlenin tal-Unjoni u għalhekk jenħtieġ li jiġu appoġġati fl-Unjoni kollha, mingħajr eċċezzjoni. Il-Programm jenħtieġ li jkun aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u transnazzjonali, inklużi l-organizzazzjonijiet ta' bażi tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 23b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23b) Filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi tar-reġjuni żgħar, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi, fejn l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri jistgħu jkunu aktar evidenti, jenħtieġ li l-Programm jipprevedi sejħiet immirati għall-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni multipla u jiġi żgurat aċċess ugwali għall-fondi tal-programm.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Fi żmien meta s-soċjetajiet Ewropej qed isibu sfidi li jaffettwaw id-demokraziji, ***bħaż-żieda fl-estremiżmi*** u ***fl-intolleranza***, ***id-diżinformazzjoni,*** u ***l-manipulazzjoni*** u l-interferenza minn atturi ostili barranin, hu kruċjali li l-valuri tal-Unjoni bħar-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u d-demokrazija, ikomplu jiġu kkultivati,	(25) Fi żmien meta s-soċjetajiet Ewropej qed isibu sfidi li jaffettwaw id-demokraziji, ***bħall-qawmien tal-estremiżmi, id-diskriminazzjoni, il-mibegħda*** u ***d-diżinformazzjoni***, ***li sikwit tolqot b'mod sproporzjonat lin-nisa*** u ***l-bniet, kif ukoll il-manipulazzjoni*** u l-interferenza minn atturi ostili barranin, hu kruċjali li l-valuri

protetti, promossi, infurzati, u kondiviżi b'mod attiv fost iċ-ċittadini u l-popli, biex dawk il-valuri jibqgħu fil-qalba tal-proġett tal-Unjoni. Tnawwir fil-ħarsien tagħhom fi xi Stat Membru jista' jkollu effetti detrimentali fuq l-Unjoni kollha ***kemm hi***. Għalhekk hu kruċjali li dan il-Programm jikkontribwixxi għall-ħarsien tal-valuri tal-Unjoni, inkluż ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u d-demokrazija.	tal-Unjoni bħar-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza***, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** u d-demokrazija, ikomplu jiġu kkultivati, protetti, promossi, infurzati, u kondiviżi b'mod attiv fost iċ-ċittadini u l-popli, biex dawk il-valuri jibqgħu fil-qalba tal-proġett tal-Unjoni. Tnawwir fil-ħarsien tagħhom fi xi Stat Membru jista' jkollu effetti detrimentali fuq l-Unjoni ***u ċ-ċittadini*** kollha ***tagħha***. Għalhekk hu kruċjali li dan il-Programm jikkontribwixxi għall-ħarsien ***u għall-avvanz*** tal-valuri tal-Unjoni, inkluż ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza***, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** u d-demokrazija. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-ġlieda kontra l-kampanji kkoordinati li jkollhom fil-mira tagħhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u d-drittijiet tal-LGBTIQ minn atturi u networks kontra d-drittijiet, inklużi l-kampanji ta' diżinformazzjoni u tentattivi biex jitreġġgħu lura d-drittijiet fundamentali stabbiliti. Attakki kkoordinati bħal dawn jaffettwaw b'mod sproporzjonat lid-difensuri nisa u tal-ewwel linja tad-drittijiet tal-bniedem, lill-ġurnalisti, lill-akkademiċi u lir-rappreżentanti eletti, u għandhom l-għan li jsikktu jew jintimidaw lil dawk li jiddefendu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet fundamentali. Għalhekk, huwa kruċjali li jiġu promossi d-drittijiet indaqs, jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, tiġi appoġġata perspettiva tal-ġeneru fil-politiki u l-programmi, u li tiġi msaħħa l-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikanti tan-nisa fil-ħajja politika, ekonomika u soċjali, peress li din hija marbuta mill-qrib mad-demokrazija.***

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Fid-dawl tar-riskji dejjem akbar marbutin ma' perikli naturali, diżastri tal-klima u ambjentali, emerġenzi tas-saħħa, inċidenti teknoloġiċi, theddid għas-sigurtà li kontinwament jevolvi, u tfixkil ieħor, jenħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jantiċipaw, iħejju ruħhom u jirrispondu għall-kriżijiet. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-edukazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini fit-tħejjija għall-kriżijiet biex b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà.	(26) Fid-dawl tar-riskji dejjem akbar marbutin ma' perikli naturali, diżastri tal-klima u ambjentali, emerġenzi tas-saħħa, inċidenti teknoloġiċi, theddid għas-sigurtà li kontinwament jevolvi, u tfixkil ieħor, jenħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jantiċipaw, iħejju ruħhom u jirrispondu għall-kriżijiet. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-edukazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini fit-tħejjija għall-kriżijiet biex b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà. ***Il-miżuri ta' preparatezza u ta' rispons għall-kriżijiet appoġġati fl-ambitu tal-Programm jenħtieġ li jintegraw approċċ sensittiv għall-ġeneru u intersezzjonali, u jirrikonoxxu li n-nisa, il-bniet u l-persuni emarġinati, b'mod partikolari dawk li jiffaċċjaw forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, huma milquta b'mod sproporzjonat mill-kriżijiet, inklużi d-diżastri relatati mal-klima, il-kunflitti armati u x-xokkijiet ekonomiċi.***

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll azzjonijiet maħsuba biex jissalvagwardjaw u jsaħħu d-demokrazija fl-Unjoni, iżidu l-fiduċja pubblika fid-demokrazija u fl-istituzzjonijiet demokratiċi, isaħħu t-tħejjija demokratika u r-reżiljenza, irawmu l-involviment, il-parteċipazzjoni u l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-istorja u l-valuri komuni, u b'hekk jappoġġaw l-eżerċizzju miċ-ċittadini tad-drittijiet tagħhom, inkluż id-drittijiet elettorali tagħhom, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi	(27) Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll azzjonijiet maħsuba biex jissalvagwardjaw u jsaħħu d-demokrazija fl-Unjoni, iżidu l-fiduċja pubblika fid-demokrazija u fl-istituzzjonijiet demokratiċi, isaħħu t-tħejjija demokratika u r-reżiljenza, irawmu l-involviment, il-parteċipazzjoni u l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-istorja u l-valuri komuni, u b'hekk jappoġġaw l-eżerċizzju miċ-ċittadini tad-drittijiet tagħhom, inkluż id-drittijiet elettorali tagħhom, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-***

wkoll għat-trawwim tal-ħsieb kritiku, il-parteċipazzjoni ċivika u d-demokrazija permezz tal-edukazzjoni bħala sforz tul il-ħajja, ħalli ċ-ċittadini kollha jkollhom il-ħiliet biex jaqbdu l-informazzjoni, il-manipulazzjoni u l-interferenza u d-diżinformazzjoni minn barranin.

promozzjoni ta' rappreżentanza politika b'bilanċ bejn il-ġeneri fil-ħajja pubblika u privata, u lill-indirizzar tal-ostakli strutturali li jipprevjenu lin-nisa, inklużi n-nisa żgħażagħ u n-nisa minn gruppi b'riskju akbar ta' diskriminazzjoni jew esklużjoni, milli jipparteċipaw għalkollox fil-proċessi demokratiċi. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll azzjonijiet li jindirizzaw il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-fastidju u l-abbuż online lejn in-nisa b'viżibbiltà pubblika, bħall-politiċi, il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, li spiss ikunu fil-mira ta' vjolenza online, diskors ta' mibegħda u fastidju, li jistgħu jwasslu għall-irtirar tagħhom mid-dibattitu pubbliku u mill-involviment politiku, u b'hekk jiddgħajfu l-proċessi demokratiċi. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għat-trawwim tal-ħsieb kritiku, il-parteċipazzjoni ċivika u d-demokrazija permezz tal-edukazzjoni bħala sforz tul il-ħajja, ħalli ċ-ċittadini kollha jkollhom il-ħiliet biex jaqbdu l-informazzjoni, il-manipulazzjoni u l-interferenza u d-diżinformazzjoni minn barranin***, kif ukoll ir-rabta bejn in-narrattivi li jattakkaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-politiki tal-ġeneru u t-theddidiet kollha għad-demokrazija***.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-konsistenza u l-koerenza kumplessiva mal-objettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-Unjoni, il-kumplementarjetà u s-sinerġiji mal-ħidma tal-korpi, tal-uffiċċji u tal-aġenziji tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni

Ewropea, u jenħtieġ li tqis il-ħidma ta' atturi nazzjonali u internazzjonali oħra fl-oqsma koperti mill-Programm.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli li jiżguraw applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ***msemmija*** fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal tal-finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà filwaqt li jitqiesu l-ambitu u n-natura tal-attivitajiet u l-prijoritajiet.	(35) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli li jiżguraw applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ***u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri semmija*** fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal tal-finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà filwaqt li jitqiesu l-ambitu u n-natura tal-attivitajiet u l-prijoritajiet. ***F'dan il-kuntest, perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jenħtieġ li tiġi integrata fit-tfassil, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ, fir-rapportar, u fl-evalwazzjoni u l-awditjar taċ-ċiklu ta' finanzjament, u jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ebda waħda mill-attivitajiet iffinanzjati direttament jew indirettament ma tagħmel ħsara lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni interim u dik finali tal-Programm jevalwaw l-impatti fuq is-sessi sabiex jiġi vvalutat il-punt sa fejn dan qed jikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn is-sessi u biex jiġi***

vvalutat jekk il-Programm hux qed ikollu impatti negattivi mhux intenzjonati fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-fergħat kollha tal-Programm, inkluż Kultura u MEDIA+, hija essenzjali biex jiġu żgurati l-koerenza tal-politika u l-implimentazzjoni effettiva tal-valuri tal-Unjoni.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) Filwaqt li jitqiesu n-natura u d-daqs differenti tal-attivitajiet tal-fergħat differenti tal-Programm, se jkun importanti li d-data individwali miġbura mill-benefiċjarji tal-proġetti tiġi diżaggregata skont is-sess/ġeneru fejn xieraq. Huwa importanti wkoll li l-applikanti jingħataw informazzjoni dwar kif għandhom iqisu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluża informazzjoni dwar l-użu ta' għodod għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri bħall-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-ġeneri u indikaturi li jistgħu jitkejlu biex jiġi vvalutat il-progress lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluża l-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-grupp sottorappreżentati fil-finanzjament tal-Programm.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll ir-rwol tad-Desks tal-Programm, li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu; u jenħtieġ li dawn jipprovdu	(36) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll ir-rwol tad-Desks tal-Programm, li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu; u jenħtieġ li dawn jipprovdu

gwida u assistenza lill-applikanti dwar opportunitajiet ta' finanzjament u kollaborazzjonijiet transfruntieri, li jikkontribwixxu għall-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni]. Id-Desks tal-Programm jenħtieġ li jaqdu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u mingħajr interferenza mill-awtoritajiet pubbliċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, u jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-ġestjoni tal-Programm[25].	gwida u assistenza lill-applikanti dwar opportunitajiet ta' finanzjament u kollaborazzjonijiet transfruntieri, li jikkontribwixxu għall-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni]. Id-Desks tal-Programm jenħtieġ li jaqdu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u mingħajr interferenza mill-awtoritajiet pubbliċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, u jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-ġestjoni tal-Programm[25]. ***Id-Desks tal-Programm jenħtieġ li jiżguraw informazzjoni aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet żgħar u mmexxija min-nisa li jaħdmu fil-post, inklużi dawk li joperaw f'żoni remoti jew mhux moqdija biżżejjed.***
[25] Biex jippromwovi l-Programm fil-livell nazzjonali, jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli fil-politika tal-Unjoni, u jassisti lill-operaturi biex japplikaw għal appoġġ mill-Programm, il-Programm ***jenħtieġ li*** jappoġġa l-istabbiliment ta' ***Uffiċċji*** fil-pajjiżi parteċipanti. ***L-Uffiċċji jenħtieġ li*** jimplimentaw l-attivitajiet tagħhom biex itejbu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas ta' prestazzjoni tal-baġit, inkluż ir-regoli applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà, inkluż b'mod partikolari l-obbligi tal-benefiċjarji u tas-sħab inkarigati bl-implimentazzjoni.	[25] Biex jippromwovi l-Programm fil-livell nazzjonali, jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli fil-politika tal-Unjoni, u jassisti lill-operaturi biex japplikaw għal appoġġ mill-Programm, il-Programm ***għandu*** jappoġġa l-istabbiliment ta' ***Desks*** fil-pajjiżi parteċipanti. ***Id-Desks għandhom*** jimplimentaw l-attivitajiet tagħhom biex itejbu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas ta' prestazzjoni tal-baġit, inkluż ir-regoli applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà, inkluż b'mod partikolari l-obbligi tal-benefiċjarji u tas-sħab inkarigati bl-implimentazzjoni.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm mill-2028 sal-2034, ***jiġifieri*** s-suċċessur tal-Programmi stabbiliti mir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818 għall-perjodu mill-2021 sal-2027. Għalhekk, ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818 jenħtieġ li jitħassru,	(40) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm mill-2028 sal-2034, ***li huwa*** s-suċċessur tal-Programmi stabbiliti mir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818 għall-perjodu mill-2021 sal-2027. Għalhekk, ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818 jenħtieġ li jitħassru,

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji tal-midja u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u tal-midja, u jħares u jippromwovi l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà.	(1) L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, iżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-industriji tal-midja u awdjoviżivi, jissalvagwardja l-libertà artistika u tal-midja, u jħares u jippromwovi ***l-inklużjoni,*** l-ugwaljanza, ***l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diversità, il-parteċipazzjoni,*** iċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta, u b'hekk isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u r-reżiljenza tas-soċjetà. ***Il-Programm għandu jippromwovi d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u s-soċjetajiet inklużivi, jiġġieled b'mod attiv l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u d-diskriminazzjoni strutturali. Għandu jippromwovi wkoll il-parteċipazzjoni effettiva tan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, il-persuni LGBTIQ, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, u l-gruppi soċjalment emarġinati, inkluż permezz tal-aċċess għall-finanzjament fl-ambitu ta' dan il-programm, u jintegra perspettiva intersezzjonali.***

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi ("kultura");	i. jikkontribwixxi għall-kreazzjoni kulturali, il-kooperazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà transfruntieri, u għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' diversità ta' xogħlijiet kulturali, ***u l-promozzjoni u r-rispett tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-gruppi marġinalizzati*** filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tas-setturi kulturali u kreattivi***, u javvanza l-valuri fundaturi tal-Unjoni*** ("kultura");

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli**,** u jindirizza d-diżinformazzjoni ("aħbarijiet");	ii. jikkontribwixxi għal ekosistema tal-informazzjoni ħielsa, vijabbli***, inklużiva, sikura*** u diversa tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jappoġġa l-ġurnaliżmu u l-kmamar tal-aħbarijiet ħielsa u indipendenti, itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli u jindirizza d-diżinformazzjoni***, inkluża d-diżinformazzjoni marbuta mal-ġeneru, filwaqt li javvanza b'reqqa il-valuri fundamentali tal-Unjoni, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** ("aħbarijiet");

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. tikkontribwixxi għall-ħarsien u ***l-promozzjoni*** tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza ***u n-nondiskriminazzjoni***, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili ("drittijiet, ugwaljanza, ċittadini u soċjetà ċivili");	i. tikkontribwixxi għall-ħarsien***, il-promozzjoni*** u ***l-avvanz*** tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza***, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, in-nondiskriminazzjoni***, id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minquxa fit-Trattati ***u fil-Karta,*** fosthom il-moviment liberu taċ-ċittadini, u tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili ("drittijiet, ugwaljanza***, ugwaljanza bejn il-ġeneri***, ċittadini u soċjetà ċivili");

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c - punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza fuq it-tfal u gruppi oħra f'riskju ta' din il-vjolenza ("Daphne");	***imħassar***

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii. ***tikkontribwixxi*** għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni ***demokratika*** u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt")***.***	iii. ***jikkontribwixxi*** għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni ***u l-involviment demokratiċi, għall-promozzjoni tal-inklużività u r-rappreżentanza b'bilanc bejn il-ġeneri,*** u għaż-żamma tal-istat tad-dritt ("parteċipazzjoni demokratika u stat tad-dritt")***;***

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Il-fergħa Daphne għandha:
	i. tikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluża l-vjolenza online, kif ukoll il-vjolenza kontra t-tfal, u l-vjolenza kontra gruppi oħra f'riskju u għall-iżgurar tal-protezzjoni u l-appoġġ għall-vittmi u s-superstiti; ("tolleranza żero għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru");

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Biex jimmassimizza l-impatt u jżid is-sinerġiji bejn il-fergħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet ***trasversali*** u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari billi ***jibni*** sinerġiji bejn l-isferi kulturali, tal-midja u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali.	(3) Biex jimmassimizza l-impatt u jżid is-sinerġiji bejn il-fergħat imsemmija fil-paragrafu 2, il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet ***trażversali*** u orizzontali li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari billi ***jiżviluppa*** sinerġiji bejn l-isferi kulturali, tal-midja u ċiviċi u jippromwovi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali***, filwaqt li jippreżerva l-indentità distinta u l-awtonomija ta' kull waħda mill-erba' fergħat. Madankollu, l-objettiv li jitrawmu sinerġiji fost l-objettivi ta' AgoraEU ma għandux jippreġudika, jiżvantaġġa jew b'xi mod ieħor jillimita l-eliġibbiltà jew il-valutazzjoni ta' proposti għal proġetti li jiffukaw esklużivament fuq objettiv uniku ta' AgoraEU.***

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) it-trawwim ta' ħolqien, kooperazzjoni u skambji transfruntieri b'diversi formati, inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, residenzi artistiċi, kif ukoll sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta' kull daqs;	(a) it-trawwim ta' ħolqien, kooperazzjoni u skambji transfruntieri b'diversi formati, inkluż bil-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, residenzi artistiċi, kif ukoll sħubijiet bejn organizzazzjonijiet ta' kull daqs***, filwaqt li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri f'dan ir-rigward***;

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali;	(b) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u l-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità, permezz tal-involviment kulturali ***filwaqt li jiġi indirizzati l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fis-settur kulturali***;

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-politika kulturali b'kooperazzjoni u bi skambju ta' prattiki tajbin fil-livell tal-Unjoni, u t-titjib tal-bażi tal-evidenza bi ġbir u analiżi aħjar tad-data, u azzjonijiet pilota;	(e) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-politika kulturali b'kooperazzjoni u bi skambju ta' prattiki tajbin fil-livell tal-Unjoni, u t-titjib tal-bażi tal-evidenza bi ġbir u analiżi aħjar tad-data, ***inkluża data diżaggregata skont is-sess/ġeneru,*** u azzjonijiet pilota;

Emenda 43

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-użu tal-kultura u tal-espressjoni kulturali bħala għodod għas-sensibilizzazzjoni, id-djalogu u l-bidla fis-soċjetà, billi jħeġġu lis-setturi kulturali u kreattivi jindirizzaw l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u l-inugwaljanzi strutturali bejn il-ġeneri u d-diskors ta' mibegħda u billi jappoġġaw l-inklużjoni u r-rappreżentanza ugwali tan-nisa u tal-gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli fis-setturi kulturali u kreattivi kollha;

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u tikkontribwixxi ***biex jitjiebu l-kundizzjonijiet*** tax-xogħol ***tal-artisti*** u ***tal-professjonisti*** kulturali u kreattivi.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Kultura" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u tikkontribwixxi ***għall-kundizzjonijiet*** tax-xogħol ***ġusti għall-artisti*** u ***l-professjonisti*** kulturali u kreattivi.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;	(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej***, in-nisa u l-bniet,*** u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-ħolqien ta' prototipi ta' videogames u kontenut immersiv Ewropej, inkluż bi strateġiji ta' ttestjar tas-suq, promozzjoni u skopribbiltà mmexxijin skont l-udjenzi, u distribuzzjoni mal-pjattaformi kollha;	(d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-ħolqien ta' prototipi ta' videogames***, b'mod partikolari video games li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** u kontenut immersiv Ewropej, inkluż bi strateġiji ta' ttestjar tas-suq, promozzjoni u skopribbiltà mmexxijin skont l-udjenzi, u distribuzzjoni mal-pjattaformi kollha;

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, ***l-appoġġ għall-aċċess*** għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;	(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, ***inkluż permezz tal-promozzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija u fi rwoli tat-teħid tad-deċiżjonijiet fis-settur awdjoviżiv, l-iffaċilitar tal-aċċess*** għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi***, b'fokus partikolari fuq l-appoġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-intraprenditorija tan-nisa u l-aċċess għall-opportunitajiet ta' negozju***;

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(ea) l-appoġġ għal ambjent tal-midja inklużiv u sikur permezz tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra l-vjolenza online u d-diżinformazzjoni abbażi tal-ġeneru, l-indirizzar tal-istereotipi marbuta mal-ġeneru fil-kontenut tal-midja, u l-promozzjoni tal-inklużjoni ta' perspettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u r-rappreżentanza tan-nisa u tal-gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli fis-setturi awdjoviżivi u tal-logħob tal-azzard;

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u ***tal-ġurnalisti***, speċjalment ***meta jġarrbu t-theddid; il-monitoraġġ***, ***il-valutazzjoni*** u ***azzjonijiet*** li ***jindirizzaw ir-riskji tal-libertà*** u ***l-pluraliżmu*** tal-midja fis-suq intern***;*** u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali;	(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet***, tal-ġurnalisti*** u ***ta' professjonisti oħra tal-midja***, speċjalment ***fejn jiffaċċjaw theddid offline u online***, ***inkluż fastidju, diskors ta' mibegħda, cyberstalking,*** u ***intimidazzjoni, filwaqt*** li ***tingħata attenzjoni partikolari lill-ġurnalisti nisa, li huma aktar f'riskju ta' vjolenza diġitali abbażi tal-ġeneru, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni*** u ***l-indirizzar tar-riskji għal-libertà u għall-pluraliżmu*** tal-midja fis-suq intern***, bil-ħsieb li tiġi ssalvagwardjata l-integrità tad-diskors pubbliku u jiġu appoġġati l-valuri demokratiċi,*** u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali;

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-

monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;	monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni***, inklużi d-diżinformazzjoni abbażi tal-ġeneru u n-narrattivi li jopponu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li jattakkaw in-nisa, lill-persuni LGBTIQ u lill-politiki tal-ugwaljanza,*** u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u fil-midja biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u fil-midja***, inkluża s-sensibilizzazzjoni dwar l-istereotipi dannużi marbuta mal-ġeneru, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-bullying ċibernetiku u dwar kif dawn jiġu rikonoxxuti u miġġielda,*** biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni ***u jifhmu l-impatti tagħha fuq il-parteċipazzjoni demokratika u fuq ir-reżiljenza demokratika***;

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-forom kollha ta' razziżmu u intolleranza;	(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ***l-inugwaljanzi strutturali u*** d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ***il-ġeneru,*** l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, ***l-identità tal-ġeneru, il-karatteristiċi tas-sess,*** u l-forom

	kollha ta' razziżmu u intolleranza***, inklużi l-ksenofobija, l-omofobija, il-lesbofobija, il-bifobija, it-transfobija, l-interfobija u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali***;

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa;	(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa***, inklużi s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom u d-drittijiet relatati***;

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal;	(d) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal***, inkluż fl-ambjent online***;

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità ***u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili, ***id-difensuri*** tad-drittijiet tal-bniedem***,*** u atturi rilevanti oħra, ***li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni***, ***fil-promozzjoni*** u ***fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-***	(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità ***tal-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili, ***tad-difensuri*** tad-drittijiet tal-bniedem u ***ta'*** atturi rilevanti oħra, ***u l-għoti ta' appoġġ finanzjarju aċċessibbli***, ***prevedibbli, sostenibbli*** u ***pluriennali lilhom, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tad-***

Trattat, ***fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE***, ***in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza,*** u ***l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali***, ***fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali***, l-istat tad-dritt, ***id-demokrazija***, ***u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta***.	***drittijiet tan-nisa, l-organizzazzjonijiet immexxija min-nisa***, ***u l-organizzazzjonijiet ta' bażi***, ***li huma attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni*** u ***fil-promozzjoni tad-drittijiet minquxa fit-Trattat u fil-Karta***, ***u fis-salvagwardja tal-valuri tal-Unjoni inklużi d-demokrazija***, l-istat tad-dritt, ***l-ugwaljanza***, ***inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u n-nondiskriminazzjoni***.

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Daphne	
Fil-fergħa CERV+, l-objettiv speċifiku "Daphne" għandu jiffoka fuq:	
(a) il-prevenzjoni, ir-rispons u l-ġlieda fil-livelli kollha kontra l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru fuq in-nisa u l-bniet, il-vjolenza domestika, u l-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażagħ u l-anzjani, il-persuni LGBTIQ, il-persuni b'diżabbiltà u gruppi oħra f'riskju;	
(b) il-protezzjoni u l-appoġġ lill-vittmi diretti u indiretti kollha u s-superstiti tal-vjolenza kif imsemmi fil-punt (a);	
(c) l-appoġġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fl-Unjoni.	

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni kif ukoll il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika u ċivika tal-Unjoni, u l-appoġġ għal soċjetajiet miftuħa, reżiljenti, ibbażati fuq id-drittijiet ***u*** ugwali**,** u msejsin fuq l-istat tad-dritt;	(a) il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni kif ukoll il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika u ċivika tal-Unjoni, ***inkluż permezz tal-promozzjoni tal-parteċipazzjoni indaqs tan-nisa u r-rappreżentanza bbilanċjata fil-ħajja politika u pubblika,*** u l-appoġġ għal soċjetajiet miftuħa, reżiljenti, ibbażati fuq id-drittijiet**,** ugwali ***bejn il-ġeneri*** u ***nondiskriminatorji*** msejsin fuq l-istat tad-dritt;

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-promozzjoni tal-għarfien ċiviku u fehim aħjar tal-Unjoni, u tal-istorja, il-memorja u d-diversità komuni tagħha biex jitrawmu l-fehim reċiproku u t-tolleranza.	(c) il-promozzjoni tal-għarfien ċiviku u fehim aħjar tal-Unjoni, u tal-istorja, il-memorja u d-diversità komuni tagħha**,** ***inkluż permezz tal-kontribut tad-drittijiet tan-nisa u tal-movimenti LGBTIQ għall-valuri tal-Unjoni, bħad-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza*** biex jitrawmu l-fehim reċiproku u t-tolleranza.

Emenda 59

Proposta għal regolament
Kapitolu IVa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	IVa Il-fergħa Daphne

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a

Il-Fergħa Daphne

Fi ħdan il-fergħa Daphne, l-objettiv speċifiku Tolleranza Żero għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru" għandu jiffoka fuq:

(a) il-prevenzjoni ta', ir-rispons għal, u l-ġlieda kontra, fil-livelli kollha, il-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inklużi l-forom online ta' fastidju, is-cyberstalking, l-isfruttament sesswali u t-tixrid mhux konsenswali ta' kontenut intimu, kemm jekk awtentiku u kemm jekk manipulat diġitalment, il-vjolenza ekonomika u l-forom emerġenti ta' vjolenza diġitali, il-vjolenza domestika, u l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, it-tfal, iż-żgħażagħ u l-anzjani, il-persuni LGBTIQ, il-persuni b'diżabbiltà u gruppi oħra f'riskju;

(b) il-protezzjoni u l-appoġġ għall-vittmi u s-superstiti diretti u indiretti kollha tal-vjolenza kif imsemmi fil-punt (a), inklużi d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u n-nisa fil-ħajja pubblika fil-mira minħabba l-ġeneru tagħhom, u permezz tal-appoġġ għal servizzi ta' appoġġ u organizzazzjonijiet ta' bażi oħra b'għarfien espert speċjalizzat, li jipprovdu assistenza diretta lis-superstiti tal-vjolenza u tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru permezz ta' servizzi aċċessibbli, sensittivi għall-ġeneru u infurmati dwar it-trawma;

(c) l-appoġġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fl-Unjoni u d-Direttiva (UE) 2024/1385[1a]„.inkluż permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni, il-ħarsien, il-prosekuzzjoni u permezz ta' politiki kkoordinati;

(d) il-promozzjoni ta' miżuri ta' sensibilizzazzjoni, edukazzjoni u prevenzjoni biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, inkluż dwar ir-rwol ċentrali tal-kunsens fir-

relazzjonijiet sesswali u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-ambjenti diġitali;

(e) l-appoġġ għall-ġbir ta' data komparabbli, ir-riċerka u l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluża d-dimensjoni online tagħha.

[1a] ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, tal-midja u ċiviċi, u l-protezzjoni tal-integrità tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza demokratika, it-tħejjija tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku;	(a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, tal-midja u ċiviċi, u l-protezzjoni tal-integrità tad-diskors pubbliku, ***inkluża l-protezzjoni kontra d-diżinformazzjoni abbażi tal-ġeneru*** u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza demokratika, it-tħejjija tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku;

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) użu responsabbli tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;	(b) użu responsabbli***, etiku, trasparenti u nondiskriminatorju*** tal-għodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali***, filwaqt li jiġi żgurat li tali teknoloġiji mhux biss ma jirriproduċux jew jamplifikaw il-preġudizzju jew id-diskriminazzjoni bejn il-ġeneri, iżda jikkontribwixxu biex jindirizzawhom***, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, tal-midja u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati**.**	(c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni***, inkluż il-monitoraġġ tal-impatt tagħhom fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-allinjament mal-valuri tal-Unjoni kif minquxa fit-Trattati, il-Karta u l-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem,*** fl-oqsma tal-kultura, tal-midja u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati***;***

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) programmi u azzjonijiet transsettorjali biex jippromwovu u javvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri inkluż l-indirizzar attiv tan-narrattivi u l-istereotipi tal-ġeneru li jopponu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-użu sistematiku ta' valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-ġeneri, il-ġbir ta' data diżaggregata skont il-ġeneru u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali;

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-finanzjament ta' prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali għandu jiġi ddeterminat skont in-natura u l-ambitu tagħhom.	Il-finanzjament ta' prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali għandu jiġi ddeterminat skont in-natura u l-ambitu tagħhom. ***Madankollu, l-objettiv li jitrawmu sinerġiji fost l-objettivi ta' AgoraEU ma għandux jippreġudika, jiżvantaġġa jew b'xi mod ieħor jillimita l-eliġibbiltà jew il-valutazzjoni tal-proposti għal proġetti li jiffukaw esklużivament fuq objettiv uniku ta' AgoraEU.***

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fl-ammont tal-pakkett finanzjarju stabbilit fil-paragrafu 1, mill-inqas 16 % għandu jiġi allokat biex jiġu appoġġati attivitajiet għall-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u għall-ġlieda fil-livelli kollha kontra tali vjolenza (il-fergħa Daphne);

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Fl-ammont tal-pakkett finanzjarju stabbilit għall-fergħa CERV+, mill-inqas 10 % għandhom jiġu allokati għal attivitajiet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tishih tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija shiha tad-drittijiet tan-nisa;

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Fl-ammont tal-pakkett finanzjarju stabbilit għall-Artikolu 7, l-Artikolu 8 (il-fergħa CERV+) u l-Artikolu 9 (il-fergħa Daphne), mill-inqas 60 % għandhom jiġu allokati biex jappoġġaw attivitajiet imwettqa mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11a
	Modalitajiet ta' finanzjament
	1. Il-Programm għandu jipprevedi l-finanzjament prevedibbli u stabbli lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li huma involuti fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni, u li huma primarjament attivi fl-oqsma koperti mill-fergħat CERV+ u Daphne kif stabbilit fl-Artikoli 7, 8 u 9, inkluż permezz tal-għoti ta' għotjiet tal-operat biex jiġu żgurati l-indipendenza u s-sostenibbiltà tagħhom, skont l-Artikolu 183(2)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, filwaqt li jibqgħu jżommu sorveljanza trasparenti, ekwitabbli u parteċipattiva.
	2. Il-Programm għandu jipprovdi l-possibbiltà għal appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-fergħat CERV+ u Daphne għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u transnazzjonali, inklużi l-

	organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ta' bażi fil-livell lokali.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm. ***Tali kontribuzzjonijiet addizzjonali għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-objettivi tal-Programm, inkluż l-impenn tiegħu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.*** Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1)(a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-	2. Riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1)(a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-

benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli b'dan il-mod għall-Programm, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew is-suċċessuri tagħhom.	benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. ***L-użu tagħhom għandu jikkonforma mal-valuri tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni.*** Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli b'dan il-mod għall-Programm, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew is-suċċessuri tagħhom.

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. ***Fi proċeduri*** ta' ***għoti*** konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ***ta' għoti*** konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-	2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. ***F'każ*** ta' ***proċeduri tal-aġġudikazzjoni*** konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ***tal-aġġudikazzjoni*** konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni***, u jippromwovu l-parità bejn il-ġeneri, kif***

evalwazzjoni ***msemmi*** fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	***imsemmi*** fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Għall-finijiet tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat tal-evalwazzjoni jista' jkun magħmul parzjalment jew kompletament minn esperti esterni indipendenti.	7. Għall-finijiet tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat tal-evalwazzjoni jista' jkun magħmul parzjalment jew kompletament minn esperti esterni indipendenti. ***Il-kompożizzjoni tal-kumitati ta' evalwazzjoni għandha tippromwovi l-parità bejn il-ġeneri.***

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-entitajiet li japplikaw għal finanzjament mill-fergħa "Ewropa Kreattiva - Kultura" tal-Programm u li tul l-aħħar sentejn ikunu rċevew aktar minn ***50%*** tad-dħul annwali tagħhom mingħand sorsi pubbliċi, għandhom jitqiesu li għandhom il-kapaċità finanzjarja, professjonali u amministrattiva meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet tal-Programm. M'għandhomx jintalbu jippreżentaw dokumentazzjoni ulterjuri biex juru dik il-kapaċità.	8. L-entitajiet li japplikaw għal finanzjament mill-fergħa "Ewropa Kreattiva - Kultura" tal-Programm u li tul l-aħħar sentejn ikunu rċevew aktar minn ***50 %*** tad-dħul annwali tagħhom mingħand sorsi pubbliċi, għandhom jitqiesu li għandhom il-kapaċità finanzjarja, professjonali u amministrattiva meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet tal-Programm. M'għandhomx jintalbu jippreżentaw dokumentazzjoni ulterjuri biex juru dik il-kapaċità. ***Il-valutazzjoni tal-kapaċità finanzjarja għandha titwettaq b'mod nondiskriminatorju u tiżgura opportunitajiet indaqs għall-organizzazzjonijiet immexxija min-nisa.***

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15a
	It-tipi ta' azzjoni
	L-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kisba ta' objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 3 jistgħu jirċievu finanzjament skont dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-attivitajiet elenkati fl-Anness I għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament.

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji tal-eliġibbiltà biex jgħinu fl-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u għandhom japplikaw għall-proċeduri ta' għoti kollha skont il-Programm.	1. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji tal-eliġibbiltà biex jgħinu fl-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, ***inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-prijoritajiet trasversali oħra msemmija fl-Artikolu 10,*** f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u għandhom japplikaw għall-proċeduri ta' għoti kollha skont il-Programm.

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Reġjuni żgħar, bħar-reġjuni ultraperiferiċi, fejn id-disparitajiet fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jistgħu jkunu akbar, jistgħu jkunu intitolati għal sejħiet speċifiċi biex tiġi evitata diskriminazzjoni doppja u jiġi promoss aċċess ugwali għall-Programm.

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.	Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom ***jispeċifikaw kif inhuma implimentati l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament u l-prijoritajiet trasversali msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-programmi ta' ħidma għandhom*** jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.

Emenda 79

Proposta għal regolament
Anness I (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS I
	ATTIVITAJIET APPOĠĠATI MILL-PROGRAMM
	L-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm stabbiliti fl-Artikolu 3 għandhom jiġu segwiti b'mod partikolari billi jiġu appoġġati l-attivitajiet li ġejjin:
	(1) is-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fl-oqsma u l-objettivi koperti mill-Programm sabiex jittejjeb l-għarfien tad-drittijiet u l-valuri u tal-politiki relatati;
	(2) it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba fost il-partijiet ikkonċernati biex jittejbu l-għarfien u l-komprensjoni reċiproka;

(3) attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ biex titjieb il-komprensjoni tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni fl-oqsma koperti mill-Programm kif ukoll biex titjieb l-implimentazzjoni tad-dritt, tal-politiki u tal-valuri tal-Unjoni fl-Istati Membri, bħall-ġbir ta' data u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, ta' indikaturi jew ta' punti ta' riferiment; studji, riċerka, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet; valutazzjoni tal-impatt; u l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv;

(4) it-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jittejjeb l-għarfien tal-politiki u d-drittijiet fl-oqsma koperti mill-Programm;

(5) l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

(6) l-appoġġ lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-partijiet ikkonċernati mingħajr skop ta' qligħ li huma attivi fl-oqsma koperti mill-Programm:

(a) sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu, u li jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess adegwat għas-servizzi, għall-attivitajiet ta' konsulenza u għall-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom:

(b) sabiex iwettqu attivitajiet li jippromwovu d-drittijiet, biex b'hekk ukoll jissaħħu l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni u r-rispett għall-istat tad-dritt, u jingħata kontribut għad-djalogu demokratiku, it-trasparenza u l-governanza tajba, inkluż f'każijiet ta' spazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili;

(7) iż-żieda tal-għarfien fost iċ-ċittadini, speċjalment iż-żgħażagħ, tal-kultura, il-wirt kulturali, l-identità u l-istorja Ewropea, inkluż fir-rigward tar-reġimi totalitarji u awtoritarji u episodji oħra li sawru l-istorja Ewropea reċenti, sabiex tissaħħaħ il-kommemorazzjoni u l-impenn taċ-ċittadini Ewropej lejn l-Unjoni u biex jitħeġġu t-tolleranza, il-komprensjoni

reċiproka, id-djalogu interkulturali u r-rispett għad-diversità;

(8) it-tlaqqigħ ta' ċittadini ta' nazzjonalitajiet u kulturi differenti billi jingħataw l-opportunità li jieħdu sehem f'attivitajiet ta' ġemellaġġi ta' bliet u proġetti tas-soċjetà ċivili, u b'hekk jinħolqu l-kundizzjonijiet għal approċċ minn isfel għal fuq imtejjeb u jitrawwem l-involviment ċiviku u demokratiku;

(9) it-tħeġġiġ u l-faċilitazzjoni ta' parteċipazzjoni attiva u inklużiva fil-bini ta' Unjoni aktar demokratika, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni għad-drittijiet u l-valuri permezz tal-għoti ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(10) l-iżvilupp tal-kapaċità tan-networks Ewropej biex jippromwovu u jiżviluppaw aktar il-liġi tal-Unjoni u l-valuri, l-għanijiet ta' politika u l-istrateġiji tagħha;

(11) il-finanzjament tal-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/788, u b'hekk jirfed l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini li jniedu u jappoġġaw inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej;

(12) it-tisħiħ tal-għarfien tal-Programm u t-tixrid u t-trasferibbiltà tar-riżultati tiegħu, u t-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni, inkluż billi jkunu stabbiliti u appoġġati punti ta' kuntatt tal-Programm.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-abbozz ta' opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-abbozz ta' opinjoni, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza li ġejjin[1], jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Centre for reproductive rights End FGM European Network Equipop European Disability Forum (EDF) European Lesbian Community (EL*C) European Parliamentary Forum for Sexual & Reproductive Rights (EPF) Forbidden Colours International Planned Parenthood Federation (IPPF) Organisation Intersex International Europe e.V. (OII Europe) RECLAIM The European Roma Rights Centre (ENAR) The International Lesbian, Gay, Bisexual, Transgender, Queer & Intersex (LGBTQI) Youth & Student Organisation (IGLYO) Transgender Europe (TGEU) Women Against Violence Europe Network (WAVE)
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
L-ebda.

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	***L-istabbiliment tal-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028-2034, u t-tħassir tar-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818***
Referenzi	COM(2025)0550 – C10-0173/2025 – 2025/0550(COD)
Kumitati responsabbli ***Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja***	CULT 23.10.2025 LIBE 23.10.2025
Opinjoni mogħtija minn ***Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja***	FEMM 23.10.2025
Rapporteur għal opinjoni ***Data tal-ħatra***	Mélissa Camara 27.1.2026
Diskussjoni fil-kumitat	24.3.2026 5.5.2026
Data tal-adozzjoni	23.6.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28 –: 9 0: 0

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

28	+
PPE	Csaba Bogdán, Michalis Hadjipantela, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Eleonora Meleti, Mirosława Nykiel, Sirpa Pietikäinen, Giusi Princi, Michał Wawrykiewicz
PfE	Mélanie Disdier, Séverine Werbrouck
Renew	Abir Al-Sahlani, Valérie Devaux, Jana Toom, Lucia Yar
S&D	Sofie Eriksson, Lina Gálvez, Elisabeth Grossmann, Hana Jalloul Muro, Matjaž Nemec, Joanna Scheuring-Wielgus, Cecilia Strada, Marko Vešligaj
The Left	Hanna Gedin, Irene Montero, Carolina Morace
Verts/ALE	Mélissa Camara, Alexandra Geese, Benedetta Scuderi

9	-
ECR	Chiara Gemma, Bert-Jan Ruissen, Jessika van Leeuwen
ESN	Irmhild Boßdorf
NI	Judita Laššáková
PPE	Miriam Lexmann
PfE	Elisabeth Dieringer, Viktória Ferenc, Margarita de la Pisa Carrión

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni